MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 293/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li gie kkonfermat minnha bil-gurament u li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti izzewwget lil CD fil-5 ta’ Ottubru 1990 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. A.

2. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 7 ta’ Novembru 2000 hawn anness u immarkat bhala Dok. B;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet minuri bl-isem ta’ R.

4. Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi skond il-klawsola 3 (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni immarkat Dok. B l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamsa u tletin Ewro (€35) fil-gimgha in linea ta' manteniment ghall-minuri R hawn fuq imsemmija, u li dan il-manteniment qed jigi dikjarat li jithallas mill-intimat lir-rikorrenti b'mod regolari.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaaw il-kundizzjonijjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe` divorzju bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imhoilli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju, 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta izda xehed bil-gurament tieghu f'dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Novembru 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rikorenti pprovat wkoll illi ma hemm l-ebda pendenti fir-rigward tal-manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------